# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Settembru, 2019.**

**Numru 24**

**Rikors numru 2402/00 LSO**

**Joseph u Jane konjuġi Pisani, u b'digriet tal-5 ta' Marzu 2019 stante l-mewt ta' Jane Pisani, l-atti f'isimha ġew trasfużi f'isem ir-raġel tagħha Joseph Pisani**

**v.**

**David Mamo u Donatella Mamo**

**<u>PRELIMINARI:</u>**

1. Dan huwa appell ad istanza tal-atturi Pisani mis-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Frar 2014, li permezz tiegħu qed jitolbu lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata kif ġej:

- tikkonfermaha fejn ikkundannat lill-konvenuti appellati jħallsu s-somma ta' €52,410.90 (Lm22,400);

- tirrevokaha in kwantu kkunsidrat li l-Lm13,000 li jiffurmaw parti mill-imsemmija somma ta' €52,410.90 (Lm22,400) kienu dovuti għall-ħlas ta' spejjeż ta' kostruzzjoni ipotekati permess tal-att tal-11 ta' Diċembru 2000, u **minflok** tiddikjara li l-imsemmi ammont ta' Lm13,000 jirrappreżenta ħlasijiet magħmula minnhom għax-xiri tal-fond 7, Censu Borg Street, Ħamrun;

- tirrevokaha fejn ordnat lill-konvenuti appellati jħallsu l-imgħax legali mid-data tas-sentenza, u wkoll fejn ikkundannat lill-konvenuta Donatella Mamo tħallas waħedha s-somma ta' €13,393 (gia Lm5,750) rappreżentanti nofs is-somma ta' Lm11,500 (rigwardanti self għax-xiri tal-vettura DAV-695 u għax-xiri ta' stokk għall-ħanut 221, High Street Ħamrun) u **minflok** tordna liż-żewġ konvenuti appellati flimkien iħallsu s-somma ta' €26,786, u dan oltre s-somma ta' €52,410.90 gia ordnata mill-ewwel Qorti, kumplessivament ammontanti għal €79,196.90, bl-imgħax mid-data tal-preżentata taċ-ċitazzjoni.

Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti appellati.

2. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

"**Il-Qorti,**

"**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

"Rat ic-citazzjoni attrici datata 6 ta' Novembru 2000 ipprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta, fejn esponew: -

"Illi l-atturi selfu lill-konvenuti diversi flejjes in konnessjoni mal-fond 7, Censu Borg Street, Hamrun.

"Illi l-atturi selfu lill-konvenuti f'diversi zmien s-somma ta' Lm23,400 (tlieta u ghoxrin elf u erba' mitt lira Maltin) u cioe` Lm6,000 (sitt elef lira Maltin) in konnessjoni mal-akkwist tal-fond fuq imsemmi, liema fond gie akkwistat b'kuntratt tal-15 ta' Settembru 1988 fl-atti tan-Nutar Francis Micallef waqt li Lm13,000 (tlettax-il elf lira Maltin) ghat-twaqqigh u kostruzzjoni mill-gdid tal-fond imsemmi waqt li somma ohra ta' Lm4,400 li thallsu lill-vendituri b'surroga.

"Illi l-atturi silfu ukoll lill-konvenuti s-somma ta' Lm5,500 ghax-xiri tal-vettura Hyundai DAV-695 u Lm6,000 (sitt elef lira Maltin) ohra ghax-xiri ta' *stock* ghall-gestjoni tal-hanut 221, High Street, Hamrun immexxi mill-konvenuti.

"Illi s-self kollu brevi manu li sar mill-atturi lill-konvenuti jammonta ghal Lm34,900.

"Illi l-konvenuti huma ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni skont citazzjoni numru 459/2000 NA fl-ismijiet "David Mamo vs Donatella Mamo" u jidher illi jridu jeludu l-hlas dovut lill-atturi.

"Illi l-konvenuti huma debituri tal-atturi fis-somma ta' Lm34,900 *oltre* l-imghax legali mill-24 ta' Ottubru 2000.

"Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u skadut.

"Illi l-atturi jafu lilhom infushom b'dawn il-fatti kif fuq iddikjarati.

"Illi l-konvenuti m'ghandhom ebda eccezzjoni valida x'jissollevaw.

"Jghidu l-konvenuti prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi u kif dispensati mis-smigh tal-kawza *a tenur* tal-Artikolu 167 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

"1. Tikkundanna lill-konvenuti jirrifondu lill-atturi s-somma ta' Lm34,900 (erbgha u tletin elf u disa' mitt lira Maltin) *oltre* l-imghax legali mill-24 ta' Ottubru 2000 ta' self brevi manu maghmul in konsiderazzjoni max-xiri, twaqqigh u bini tal-fond 7, Censu Borg Street, Hamrun, max-xiri tal-vettura Hyundai DAV-695 kif ukoll xiri ta' *stock* ghall-hanut minnhom gestit f' 221, High Street, Hamrun.

"Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra legali tas-7 ta' Mejju 1999 u tad-9 ta' Ottubru 2000 u tal-mandat ta' qbid numru 3789/2000 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

"Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tal-4 ta' Dicembru 2000.

"Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut David Mamo datata 22 ta' Dicembru 2000 (fol 13) fejn espona : -

"Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ghaliex l-eccipjenti qatt ma ssellef ebda flus minghand l-atturi u l-flus li l-atturi qeghdin isemmu li hargu ghall-esponent u martu, fil-fatt inhargu minn flus proprji tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn l-istess eccipjent u martu.

"Rat in-nota ta' osservazzjonijiet ta' Joseph Pisani et datata 28 ta' Settembru 2007 a fol 375 tal-process.

"Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut David Mamo datata 3 ta' Dicembru 2007 a fol 383 tal-process.

"Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Dicembru 2007 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn l-Avukati tal-partijiet iddikjaraw illi huma m' ghandhomx xi jzidu man-nota tas-sottomissjonijiet reciproci u talbu lill-Qorti li thalli l-kawza ghas-sentenza ghat-30 ta' April 2008; u l-verbali tas-seduti l-ohra kollha nkluz dak tad-29 ta' Novembru 2012 fejn b'ordni tal-Qorti l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-16 ta' April 2013.

"Rat is-surroga datata 16 ta' Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

"Rat il-verbali tas-seduti tas-16 ta' April 2013 u tad-19 ta' Novembru 2013 mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn b'ordni tal-Qorti din il-kawza giet differita ghall-iskop tal-verbal precedenti ghas-27 ta' Frar 2014.

"Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

"**II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

"Din il-kawza, flimkien ma' numru ta' kawzi ohra, gew assenjati lil din il-Qorti b'Digriet ta' surroga datat is-16 ta' Jannar 2014.

“Illi permezz ta' din l-azzjoni l-atturi qed jagixxu ghar-restituzzjoni ta' self *brevi manu* lill-konvenuti, liema self sehh b' versamenti separati in konnessjoni max-xiri u kostruzzjoni tad-dar tal-konvenuti, u ma' xiri ta' vettura u ta' *stock* ghall-hanut gestit mill-konvenut.

“Il-konvenuta Donatella Mamo, bint l-atturi, irregistrat ammissjoni[1] fejn ammettiet it-talbiet attrici "*in kwantu jikkolpixxi sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnha u bejn David Mamo.* Il-konvenut, izda, oppona ghat-talba attrici billi eccepixxa li l-flus pretizi kienu realment flus li jappartjenu lill-istess konvenuti.

“Jirrizulta mid-dikjarazzjoni tal-atturi li l-konvenuti qeghdin fi proceduri ta' separazzjoni personali fil-kawza fl-ismijiet "*David Mamo v Donatella Mamo."* (Citazz 459/2000 NC)[2].

“**(A) PROVI PRODOTTI.**

“Xehed l-attur **Joseph Pisani**,[3] li qal li David Mamo, il-konvenut hu r-ragel tat-tifla tieghu. Hu kien li hallas fuq il-kuntratt tal-post li xtraw il-konvenuti gewwa l-Hamrun, minkejja l-fatt li ma jidhirx ismu, kif ukoll ghamel garanzija personali u baqa’ garanti u hallas Lm400 fix-xahar ghall- post. Qal ukoll li ghamel surroga ta’ Lm4,400 u li x-xahar id-diehel kien se jaghmel ohra ta’ Lm6,600. Iddikjara wkoll li hallas xi Lm15,000 pagamenti fil-bini. Fi kliemu stess: *“...il-post jien xtrajtu, hallastu!”*

“Riferibbilment ghax-xiri tal-fond il-Hamrun, qal li hallas Lm5,000 fi flus kontanti fuq il-kuntratt, kif ukoll Lm200 ghall-fidi tac-cens u Lm800 spejjez tal-kuntratt. It- Lm13,000 kellu jithallas lill-vendituri fi zmien sentejn u nofs, minghajr imghax peress li hu ghamel garanzija ghal hlas.

“Riferibbilment ghall-vettura spjega li peress li l-konvenuti kienu f’diffikulta` finanzjarja fis-sena 1996, it-tifla tieghu riedet tbigh il-karozza Hyundai Lantra ghal Lm6,000 u kien ghalhekk li tahomlha flus kontanti u baqa’ ihallas hu c-cedoli. Sussegwentement, fl-affidavit xehed li tahom Lm3,000 flus kontanti u l-kambjali lil UCIM baqa’ ihallashom hu (minbarra l-ahhar ftit) sakemm id-debitu gie ssaldat. Il-karozza hi registrata fuq isem il-konvenut u dejjem hekk kienet. Esebixxa l-kambjali (a fol. 129 sa 132 tal-process) u qal li l-fondi kollha msemmija f’dawk il-kambjali thallsu minnu, minkejja l-fatt li huma ntestati f’isem il-konvenut. B’kollox qal li hallas Lm5,090 ghall-vettura.

---

[1] Nota a fol.10 tal-process datata s-7 ta' Dicembru 2000

[2] Il-Qorti hadet konjizzjoni gudizzjarja tal-istat ta' din il-kawza li tirrizulta li ghadha pendenti quddiem l-Onor. Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja).

[3] Xhieda quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta fis-seduta tas-17 ta’ Jannar 2001 a fol 47 *et.seq.*tal-process.

“Rigward l-i*stock* tan-negozju qal li hallas ukoll Lm4,050 meta gab zewg *containers* ghall-hanut tal-konvenuti li waslu fil-1998 u 1999, kif ukoll il-VAT u t-trasport, liema prezz ammonta ghal Lm5,684. U qed jitlob Lm6,000 skont id-dikjarazzjoni tieghu ghaliex dan l-ammont ta' Lm4,050 gabhom mill-bank b'imghax ta' 10%. Xehed li meta nqalghu l-problemi fiz-zwieg tat-tifla tieghu darba sabha tibki u qaltlu li qeghdin fi stat ta’ falliment. Fil-fatt hargu diversi mandati ghal liema mandati qal li ghamel tajjeb hu. Qal ukoll li ssalda dak kollu li kien hemm dovut mill-ufficcju tat-Taxxa tal-Valur Mizjud u l-istess fir-rigward il-kontijiet pendenti li kien hemm mal-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma. Xehed li fuq insistenza tal-Bank, dahal segretarju tal-Kumpanija u sab li kien hemm dejn kbir li kien joqrob is-sittin elf Lira Maltin.

“In **kontro-ezami** qal li bintu sseparat fil-bidu tas-sena 1999. Il-hanut hu proprjeta` tieghu izda l-konvenuti kienu igestuh permezz tal-kumpanija taghhom D & D Mamo Limited. It-tieni *container* wasal f'April 1999.

“F'xhieda tieghu ulterjuri permezz ta' affidavit (a fol 66 *et.seq)* qal li riferibbilment ghall-vettura Hyundai Lantra DAV 695 li nxtrat wara z-zwieg mill-konvenuti, dawn riedu jbieghuha izda d-*dealer* offrielhom biss Lm4,000. Allura l-attur offrielhom Lm6,000 "*tajthom Lm3,000 cash u tawni l-karrozza. L-installments li kien fadal bqajt inhallas lil UCIM jiena stess permezz ta' kambjali sakemm id-debitu gie saldat...l-ahhar ftit kambjali thallsu minn David Mamo...meta hu u t-tifla kienu diga` sseparaw de facto."*

“Spjega wkoll li kellu ftehim mal-konvenuti minn qabel ma sseparaw f'Jannar 1999 li jixtrilhom l-*istock* u huma jhallsuh mill-qligh. Ikkonferma li kien gab zewg *stocks* b'nefqa ta' Lm5,684, liema *stock* waslu f'Gunju 1997 u f'Novembru 1998. Dawn thattew direttament mill-konvenut fil-hanut stess.

“Meta ssoktat il-**kontro ezami tieghu**[4] qal li ma kienx jindahal fl-attivita' tal-kumpanija D & D Mamo liema kumpanija kienet in likwidazzjoni fuq decizjoni volontarja tieghu u ta' bintu. Qal li kellu madwar Lm60,000 f'kreditu kontra l-kumpanija. Ir-rapport tal-likwidatur kien gie ppubblikat. Qal ukoll li ghandu negozju tieghu - *Semago Centre* l-Hamrun minn fejn ibiegh *inter alia appliances* u *fittings* tad-dawl. Seta’ jaghti l-kaz li l-*container* li hemm dokumenti murija a fol 81 u 83 kien *groupage container* u x-xoghol kien japplika ghal diversi stabbilimenti u nhatt fil-hanut tieghu.

“Riferibbilment ghall-hlasijiet li qal li ghamel fuq il-vettura ta' Lm6,000 spjega li hallas Lm3,000 lill-konvenuti f'kontanti billi ddepozitahom fuq il-kont taghhom u l-bilanc ta' Lm3,000 thallsu lil UCIM. Imbaghad qal li dawn "*tajthom lit- tifla biex tmur il-bank...imbaghad tatni l-karrozza u kienet f'idejja l-karrozza. Damet xi sentejn fil-garage tieghu."*

[4] Xhieda quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta fis-seduta tat-13 ta' Ottubru 2005 a fol 325 *et.seq.*tal-process.

"Mistoqsi biex jindika fil-bank *statements* esebiti fejn qeghdin dawn it-Lm3,000 wiegeb li ma kienx jaf. "*Fejn ghamlithom ma nafx. Hi kellha hafna dejn..."* Ghalhekk biddel dak li xehed qabel fejn qal li t-tifla tefghet il-flus fil-*bank account.*

"Gie muri cekk ta' Lm2,400 mahrug mill-kont tal-kumpanija favur David Mamo. Qal li kien jaf li thallsu Lm2,400 (**DOK JBX**) fuq il-Hyundai. Bintu kienet qaltlu li kellha tigbor Lm6,000 u d-*dealer* taha Lm3,000. Ghalhekk qalilha li kien ser jixtri l-vettura hu b'Lm6,000. Ma kellux *record* minn fejn gab is-somma ta ' Lm3,000.

"Meta radd il-karrozza lura lill-konvenut ma baqax ihallas il-kambjali u kien fadal xi erbgha biss. L-ahhar kambjala li hallas kien numru 32 datata t-18 ta' Mejju 1998.

"Il-karrozza kienet tiswa bejn Lm8,000 u Lm9,000. Inxtrat bil-prezz ta' Lm7,200 u kien hemm *extras.*

"Qal ukoll li jgib *container* kull xahar ghan-negozju tieghu.

"Xehed **n-Nutar Frans Micallef**[5] u kkonferma li l-iskrittura li tinsab esebita a fol. 105 tal-process giet redatta minnu stess. Qal li l-attur diversi drabi kien hallas ghall-konjugi Mamo anke permezz ta' pagamenti b'surroga. Saru wkoll diversi noti ta' privileggi.

"**Dok PJ15** (a fol. 85) hu ezempju ta' pagament b'surroga li sar fis-27 ta' Awwissu 1999*.* A fol. 96 tal-process hemm Att iehor tas-16 ta' Novembru 2001 fejn ghal darb'ohra l-attur hallas *de proprio* b'surroga tad-drittijiet is-somma ta' Lm2,600.

"Spjega li l-attur dejjem hallas b'surroga ta' drittijiet id-dejn li kellhom mal-Bank David u Donatella Mamo.

"Gie riprodott biex jixhed dwar zewg cekkijiet li gew mghoddija lilu meta gie ppubblikat il-kuntratt tal-15 ta' Settembru 1998[6] u qal li pagament ta' Lm637 jirraprezenta l-import tal-boll dovut fuq l-att u dak ta' Lm253 ma setax jispjegah. Hu ma eskludiex li dawn gew imhallsa mill-kont ta' D & D Mamo Limited.

"Xehdet **Marlene Persiano.**[7] Meta giet murija l-iskrittura tas-16 ta' Novembru 2001, li tinsab esebita a fol. 105 tal- process hija gharfet il-firma taghha. Qalet li bieghu post lil David u Donatella Mamo, izda kien l-attur li kien hallas il-Lm5,000 u dejjem kien hu li hallas ghal kollox. Hi

---

[5] Xhieda quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta fis-seduta tas-15 ta' Marzu 2002 a fol. 107 *et.seq.*tal-process.
[6] Xhieda quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta fis-seduta tas-12 ta' Jannar 2008 a fol 225 *et.seq.*tal-process
[7] Xhieda quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta fis-seduta tas-15 ta' Marzu 2002 a fol. 117 *et.seq.*tal-process.

kienet taghmel tajjeb ghal hutha Alfrida Magri u Avertano Callus ukoll u kien jigi u jhallas lilha. Xi drabi hallas permezz ta' cekk u dawn kienu kollha f'ismu.

"**In kontro ezami** qalet li Mrs. Gauci Borda kienet saqsiet lill-attur "*Ser thallashomlhom?* U qalilha *'Iva."*

"Xehed **Avertano Callus**[8] u qal li hu kien ircieva s-somma ta' Lm12,000 bhala parti mill-prezz tal-bejgh minghand l-attur Joseph Pisani. Dan minbarra Lm200 imghaxijiet li Pisani kien hallas hu wkoll. Iz-zewg hutu bniet kienu wkoll ircevew is-somma ta' Lm6,000 bejniethom minghand l-attur.

"Id-Dok. li jinsab a fol. 95 tal-process[9] kien sar fil-gurnata meta kien sar l-ahhar hlas minghand l-attur. Qal li l-hlasijiet dejjem saru minghand l-attur.

"**In kontro-ezami** qal li meta bieghu l-fond kien ga mibni u s-soqfa biss kellu jinbidlu.

"**David Mamo**, il-konvenut, xehed[10] li fir-rigward pagamenti tal-karozza Hyundai, sakemm hu u l-mara tieghu kienu jghixu flimkien, dawn il-pagamenti kienu jithallsu minnu u minn martu u l-attur qatt ma tahom flus ghal pagamenti taghha. Imbaghad, meta hu u martu ma baqghux jghixu flimkien il-pagamenti lil Fiat li saru wara Jannar 1999 kollha saru minn missieru (*vide* dokumenti ezebiti ma' l-affidavit ta' missieru).[11]

"Qal li mhux veru li sar ftehim ma' l-attur sabiex jixtri l-karozza u jkompli jhallas il-kambjali hu. Lanqas ma hu minnu li dan gara ghaliex in-negozju tal-hanut kien sejjer hazin. Kien ikun il-hanut kuljum u n-negozju kien mixi tajjeb. Il-hanut kien jinsab f'221 St. Joseph High Street, Hamrun u kien jitmexxa minnhom *tramite* il-kumpanija li hu u martu waqqfu flimkien *D & D Mamo Limited* li giet registrata fil-21 ta' Ottubru 1994 (C 16910)[12].

"Wara li keccietu l-mara (fl-ahhar gimgha ta' Jannar 1999) ghamel zmien jghix ma' missier il-mara biex jaghti cans lil martu forsi terga' tigi lura ghandu u dam sad-19 ta' Marzu 1999.

"Skont ix-xhud iffirma *ad insaputa* tieghu dokument ghall-assenjazzjoni tal-ishma li kellu fil-kumpanija. (**DOK DM2**). Riferibbilment ghal **DOK DM2** qal li hu ma ffirmahx quddiem l-awditur kif hu mnizzel fuq l-istess dokument. Imbaghad martu nehhietu bhala Direttur (**DOK DM3**).

[8] Xhieda quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta fis-seduta tat-3 ta' Gunju 2002 a fol. 134 *et.seq.*tal-process
[9] Li hija kopja tal-original esebit a fol.105.
[10] Affidavit a fol 144 *et seq* tal-process.
[11] Para 8 tal-affidavit a fol.147
[12] Minn **DOK DM1** jirrizulta li l-azzjoni f'din is-socjeta` kienu mizmuma mill-konvenuti ugwalment bejniethom.

Peress li gie estromess mill-kumpanija ma kellux access ghad-dokumenti.

"Meta xtraw il-post il-Hamrun, dakinhar meta sar il-kuntratt missier il-mara ghadda Lm5,000 lill-vendituri. Madankollu, qal "*jien ma nistax nghid jekk dawk il-flus kienux ta' missier il-mara jew taghna ",* peress li l-kunjatu u l-mara tieghu ma kienu jghidulu b'xejn. L-istess ghall-pagamenti li kienu jsiru - ma setax jghid jekk dawn sarux mill-kunjatu jew minn martu peress li kienu gja separati. Hu spjega li fis-26 ta' Awwissu 1998 hu u martu bieghu proprjeta` li kellhom f'Santa Venera (**DOK DM4**), **(Prezz ta' Lm18,000)** u "*l-flus kollha li dderivaw mill-bejgh hadithom f'idejha l-mara u ma nafx x'ghamlet bihom."*

"Fir-rigward is-somma ta' Lm5,700 ghal zewg *containers* ta' *stock*, spjega li l-attur ukoll jiggestixxi negozju tieghu fil- Hamrun, u generalment il-*containers* kienu jkunu mhallta, sija bl-affarijiet li kien jordna ghall-hanut taghhom, kif ukoll bl-affarijiet li kien jimporta ghan-negozju tieghu personali. Barra minn hekk, kien ikun hemm ordnijiet ghan-negozji ta' zewgt itfal ohra ta' l-attur, wiehed b'negozju b'affarijiet dekorattivi tal-Milied u tifla li b'negozju ta' *haberdashery.*

"In-negozju tal-konvenut kien ghall-affarijiet tat-tfal u ghalhekk bilfors hass li ghandu jirrimarka fir-rigward il-kontenut tal-*containers* **(Dok PJ4)** fejn hemm indikat *"lights and lighting fittings thereof"* peress li fl-opinjoni tieghu din zgur ma kenitx merkanzija mahsuba ghall-hanut taghhom.

"Ghal darb'ohra **f'Dok PJ5** hemm indikat *"insect killer"* u *"refrigerator"* u **f'Dok PJ13** hemm indikat *"ironing boards"* u *"irham"* li wkoll zgur ma kienux importati ghall-hanut taghhom.

"Huma kien jaghmlu ordnijiet ghall-hanut taghhom forsi darbtejn fis-sena u kull darba kienu jaqsmu l-*container* li kien jordna l-attur. Sakemm issepara qatt ma gie nfurmat li l-attur kien hallas ghal xi *"container".* Xi zmien wara kien skopra li kien hemm garaxx f'Rahal Gdid u l-kontijiet tad-dawl u l-ilma kienu registrati fuq ismu bla ma jaf xejn fuqu.

2Esebixxa *statement* bankarju (**DOK DM5**) ta' *overdraft facility* tal-kumpanija li juri li fl-20 ta' Ottubru 1998 zbankaw Lm4,405.57 li jghid li ntuzaw biex jhallsu ghall-*container* li kien gie ordnat dak ix-xahar u li mbaghad wasal f'Novembru 1998. Dan il-*container* inhatt in parti fir-residenza tal-attur u l-merkanzija ma ingabitx fil-hanut.

"Esebixxa zewg cekkijiet (**DOK DM7** u **DM8**) datati rispettivament 2-2-1996 fl-ammont ta' Lm220 u iehor datat 14-7-1998 fl-ammont ta' Lm558 pagabbli lil UCIM fuq il-vettura Hyundai biex juri li ma kienx minnu li missier il-mara kien ihallashom.

"Xehed **Carmelo Mamo**, missier il-konvenut[13] u qal li t-tifel tieghu u martu kellhom mezzanin Santa Venera fi Triq il- Parilja u li kienu bieghuh ftit qabel ma xtraw il-post 7, Triq Censu Borg, Hamrun. Wara li ghamel xi xahrejn jghix mal- genituri tal-mara tieghu, it-tifel kien mar jghix mal-genituri tieghu fejn baqa'.

"Qal li fit-13 ta' Awwissu 1993 il-kumpanija tieghu MGS Limited hallset lill-konvenut is-somma ta' Lm6,000 peress li kien talab li jigi likwidat sehmu fil-kumpanija, liema flus intuzaw biex inxtrat il-karozza Hyundai DAV 695 meta hu kien qabad Lm2,500 ghall-*deposit* fuq il-karozza.

"Meta David issepara, u mar jghix maghhom id-dar ma kellux flus u din il-karozza kienet ghadha ma thallsitx kollha b'diversi kambjali mhux imhallsa u allura hu gie kostrett biex ihallas minn butu stess il-kambjali li kien ghad fadal. Hu kien ta cekk lil David bl-ammont ta' Lm340 biex ihallas ghal dan l-iskop u dan meta kien ghadu qed jghix mal- genituri tal-mara tieghu. Meta mbaghad mar jghix ghand il-genituri tieghu hu (missieru) kompla jhallas il-pagamenti ghall-karozza (*vide* **Dok CM6** sa **Dok CM19**).

"Wara dawn il-pagamenti l-karozza giet kollha mhallsa u tal-Fiat hargu l-avviz li ibnu setgha ibieghha (Dok CM20). B'kollox hallas l-ammont ta' Lm836. Mhuwiex veru li l-attur hallas ghal dawn il-pagamenti hu.

"Meta ibnu u martu xtraw il-post f'Santa Venera hu kien ghenhom finanzjarjament u kien tahom xi Lm9,000 sabiex jixtru l-proprjeta`. Hu fil-fatt kien prezenti dakinhar tal- kuntratt u kien ghadda hu stess dawn il-flus lis-sidien tal- fond ta' Santa Venera.

"**Paul Gambina,** in rapprezentanza tal-Bank of Valletta[14] esebixxa *statements* ta' l-*overdraft account* numru 13811563024 f'ise*m D & D Mamo Company Limited* mill-1 ta' Mejju 1995 sal-15 ta' Dicembru 1998 **(Dok PGA)**.

"Esebixxa wkoll *internal voucher* li juri li ngibed l-ammont ta' Lm4,405.57 fl-20 ta' Ottubru 1998. Ikkonferma wkoll li thallas mill-kont l-ammont ta' Lm5,506.88 pagabbli lil *Cagi* (LIT 26.681 miljun).

"**In kontro ezami** qal li l-pagamenti murija fuq dokumenti PGE 1, 2 u 3 datati 13 ta Gunju 1997 hargu minn kont iehor bil-*customer's name Joseph Pisani.* Dan il-pagament ta' Lm3,009.95 f'liri taljani gie sbankat mill-kont li hu muri bl-i*statement* a fol. 80 f'isem Joseph Pisani.

"Xehed **Saviour Desira,**[15] *accountant* tal-kumpanija *D & D Mamo Company Ltd*., fir-rigward l-andament u l-attivita' tal- kumpanija D & D

[13] Affidavit a fol. 183 *et.seq.* tal-process.
[14] Xhieda quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta fis-seduta tas-26 ta' April 2005 a fol 304 *et.seq.*tal-process.
[15] Xhieda quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta fis-seduta tat-12 ta' Jannar 2005 a fol 265 *et.seq.*tal-process.

Mamo Company Ltd., ghall-ewwel ftit snin, sa bejn wiehed u iehor is-sena 1997, il-kumpanija kienet miexja sew, izda mis-sena 1998 'l quddiem il-pozizzjoni finanzjarja ma kenitx daqshekk tajba u anke l-Bank beda jigri wara l-azzjonisti biex ihallsu.

"L-assi fissi tal-kumpanija kien jikkonsisti fl-attrezzaturi tal- hanut u xi van li kien inxtara, waqt li l-assi kurrenti kienu jikkonsistu fl-istokk li kien mghammar bih l-istess hanut. Sakemm baqa' involut hu bhala *accountant* ta' l-imsemmija kumpanija, u cioe` sa 2001, jaf li l-attur Joseph Pisani kien garanti solidali mal-kumpanija D & D Mamo Company Ltd., u jaf li meta l-pozizzjoni finanzjarja saret xi daqsxejn imwera kien jitkellem hu, kemm mal-Bank u kemm mal- persuni li minn ghandhom kien inxtara l-van, u dan sabiex jikseb iz-zmien u jasal f'arrangament halli jkun jista' jsir il- hlas.

"F'dak iz-zmien il-konvenuti kienu bieghu d-dar matrimonjali taghhom fi Triq il-Parilja Santa Venera biex mir-rikavat ikunu jistghu jaqtghu d-djun tal-Kumpanija. Kien hemm ukoll problema mad-Dipartiment tat-Taxxa tal-Valur Mizjud u jaf li l-attur wasal f'arrangament maghhom u hallas il-pendenzi mad-Dipartiment tat-Taxxa ghal Valur mizjud. Qal li parti mill-*accounts* tal-kumpanija jinsabu ghand l-awditur precedenti u cioe` John Zammit u parti ghand l-ahhar awditur u cioe` Simon Vella.

"Xehed ukoll **John Zammit**,[16] *accountant* u awditur tal- *Kumpanija D & D Mamo Ltd* sas-sena 1998 u esebixxa kopja ta' l-*accounts* tal-Kumpanija ghas-sena 1998 (**Dok JZA**). Qal li gharaf il-firma tieghu fuq **Dok DM2** f'pagna 174 tal-process, liema Dokument jirreferi ghat-trasferiment ta' l-ishma fil-Kumpanija D & D Mamo Ltd., minn David Mamo favur il-mara tieghu Donatella Mamo.

"**(B) Sorte**

"Il-pretensjoni tal-attur skont il-kawzali indikati fic-citazzjoni huma s-segwenti:-

"i. Lm6,000 in konnessjoni mal-akkwist tal-fond 7 Triq Censu Borg, il-Hamrun.[17]
"ii. Lm13,000 ghat-twaqqiegh u kostruzzjoni mill-gdid tal-fond.
"iii. Lm4,400 li thallsu lill-vendituri tal-fond imsemmi b'surroga.
"iv. Lm5,500 ghax-xiri ta' vettura Hyundai DAV- 695
"v. Lm6,000 ghax-xiri ta' *stock* ghall-gestjoni tal-hanut 221 High Street, Hamrun.

"Riferibbilment ghax-xiri tal-fond il-Hamrun, qal li hallas Lm5,000 fi flus kontanti fuq il-kuntratt, kif ukoll Lm200 ghall-fidi tac-cens u Lm800

[16] Xhieda quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta fis-seduta tas-26 ta' April 2005 a fol 313 *et.seq.*tal-process.
[17] Riferibbilment ghax-xiri tal-fond il-Hamrun, l-attur kien xehed li hallas Lm5,000 fi flus kontanti fuq il-kuntratt, kif ukoll Lm200 ghall-fidi tac-cens u Lm800 spejjez tal-kuntratt.

spejjez tal-kuntratt. It- Lm13,000 bilanc tal-prezz kellu jithallas lill-vendituri fi zmien sentejn u nofs, minghajr imghax.

“**(C) Apprezzament tal-Provi**

“Il-Qorti sejra taghti konsiderazzjoni biss lil dawn l-ammonti li jifformaw il-kawzali f' din il-vertenza.

“Ikkunsidrat li l-konvenut qed jeccepixxi li qatt ma ha self mill-attur, u li l-flus li qed jissemmew li harighom l-attur kienu nhargu mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnu u martu.

“F'dan l-istadju l-Qorti taghmel tajjeb li tosserva li jirrizulta mill-provi li David u Donatella Mamo sseparaw *de facto* f'Jannar 1999. Il-versamenti li huma mertu ta' dawn il-proceduri saru fis-sena 1998 u qabel. *Inoltre*, ghalkemm il-konvenut jghid li qatt ma silef flus, jirrizulta mill-provi, kif ser jigi kkonstatat iktar ‘il quddiem, li l-versamenti fuq ix-xiri tad-dar bilfors saru bil-konsapevolezza tal-konvenut.

“F'kaz bhal dan, il-Qorti bilfors ser ikollha tirrepeti l-insenjament tal-Qrati taghna dwar il-kriterji applikabbli ghall-apprezzament tal-provi meta dawn huma konfliggenti.

“*In linea* generali, meta gudikant jigi biex iqis il-kumpless tal-provi li jitressqu ghall-konsiderazzjoni tieghu sabiex fuq dawk il-provi jaghti decizjoni, il-kriterji tal-konsiderazzjoni tal-provi li fuqhom ghandu jsawwar id-decizjoni tieghu ghandhom ikunu l-kredibbilta` u l-verosimiljanza.

“Il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza taghha fil-kawza “***Borg vs Bartolo***” moghtija fil-25 ta` Gunju 1980 ipprecizat – *“jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosimili fic-cirkostanzi svarjati tal-hajja".*

“In tema legali, jigi osservat li huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f’ kaz ta’ zewg verzjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli, dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi ghal principju li *onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat*. Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fic-citazzjoni. Tajjeb li qabel xejn jigi puntwalizzat il-principju illi l-piz tal-prova huwa mixhut fuq min jafferma fatt, u mhux fuq min jinnegah.

“Min-naha l-ohra pero’, il-grad ta’ prova rikjest fil-kamp civili, b’differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju ragonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f’ mohh il-gudikant. Din c-certezza morali rikjesta f’kawzi civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabbiltajiet. Mera possibbilta’ mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabbilta` civili. (**“*Caruana vs Laurenti*”** – Prim’ Awla tal-Qorti Civili – 8 ta` April 1994 ; ***“Borg vs Manager ta` l-Intrapriza tal-Halib”*** – Prim’ Awla tal-Qorti Civili – 17 ta` Lulju 1981; **“*Vassallo vs Pace*”** –

Vol.LXX.II.144 u ***"Zammit vs Petrococchino"*** – Appell Kummercjali – 25 ta\` Frar 1952).

"Jinsab ravvisat fid-decizjoni fl-ismijiet "***Farrugia vs Farrugia***"*,* deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-24 ta' Novembru 1966, li *"l-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibbilta' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabbiltajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant"*.

"Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabbiltajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-preponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabbiltajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli (**Vol. XXXVI P I p 319**).

"Kif kompla jinghad fl-imsemmija kawza "**Farrugia vs Farrugia**", *"mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo".*

"Kif intqal mill-Qorti fil-kawza "**Aquilina vs Farrugia**", deciza fit-28 ta' Gunju 2001, "*Illi fil-fatt huwa wkoll principju assodat fil-gurisprudenza taghna illi l-verosimiljanza hija forma ta' korroborazzjoni".*

"Il-*causa petendi* hija l-allegat self *brevi manu* lill-konvenut, filwaqt li l-oggett tal-kawza, tikkonsisti fit-talba ghar-restituzzjoni tas-somma mislufa mill-konvenut bhala d-debitur tal-attur.

*"Min jallega jrid jipprova – qui allegat probat."* Hu principju assodat fil-gurisprudenza li f'kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikament opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi ghal principju li *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*."(Ara "***Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et*"** (deciza PA - 28/04/2004). Anzi f'kaz li l-attur jonqos li jipprova dak minnu allegat, jibqa' dejjem jimpera l-principju *'actore non probante reus absolvitur'.* Ara wkoll is-sentenza tal-31 ta' Jannar 2007 fl-ismijiet "**MiddleSea Insurance p.l.c. vs Rudolph Spiteri"** (Cit. Nru. 1168/03FS) li fiha gabra ta' decizjonijiet fuq dan l-aspett).

"Fil-kaz odjern gew esebiti diversi dokumenti apparti x- xhieda prodotti miz-zewg partijiet. Bl-applikazzjoni tal-principji fuq enuncjati, jispetta lill-

attur li jressaq prova tas-self li jallega li ghamel favur il-konvenuti. Jekk dan jirrizulta ppruvat, il-piz tal-prova li l-flejjes li ntuzaw kienu realment flus li kienu jappartjenu lill-konvenuti jinkombi fuq David Mamo in kwantu li Donatella Mamo ammettiet it-talba.

“Ikkonsidrat ukoll li l-fatti li taw lok ghal din il-kawza sehhew f'ambitu ta' diffikultajiet personali li kienu qed jizviluppaw bejn il-konvenuti li sahansitra wassluhom sabiex huma jisseparaw *de facto* u jistitwixxu proceduri legali ta' separazzjoni quddiem il-Qorti tal-Familja. L-atturi huma l-genituri ta' Donatella Mamo u huwa mistenni li riedu jghinu kemm lil binthom u anke lil zewgha almenu qabel ma bdew il-problemi serji bejn il-koppja. Il-konvenut jallega li din il-kawza hija stratagemma ohra b'zieda ma' ohrajn sabiex jigi pprivat minn sehemu mill-komunjoni tal-akkwisti. Isemmi per ezempju, it-trasferiment tal-ishma registrati fuq ismu u l-eventwali tnehhija tieghu mill-kariga ta' Direttur tal-kumpanija D & D Mamo Limited. Dan kollu hu ta' rilevanza f'kawza ta' firda. F'din il-kawza, il-Qorti ghandha l-kompitu biss li tevalwa l-provi imressqa fid-dawl tal-principji mghallma.

“Il-Qorti ser tindirizza l-kapijiet li huma l-kawzali ta' din il-kawza wiehed wiehed.

“**Proprjeta` Immobbli**

“Il-pretensjoni tal-atturi fir-rigward jammonta ghal Lm23,400.

“Il-konvenut stess ammetta li kien l-attur li hallas Lm5,000 lill-vendituri fuq ix-xiri tal-fond f'Censu Borg Street meta xehed "*dakinhar meta sar il-kuntratt missier il-mara ghadda Lm5,000 lill-vendituri."* Madankollu, qal ukoll *"jien ma nistax nghid jekk dawk il-flus kienux ta' missier il-mara jew taghna".* Dwar il-pagamenti li kienu jsiru mensilment, ma setax jikkonferma jekk dawn sarux bi flus l-attur jew ta' martu ghaliex dawn komplew wara li nfired minn martu.

“Ukoll kien hemm diversi xhieda li kkonfermaw li kien l-attur li hallas l-ammont ta' Lm5,000 fuq il-kuntratt. Il-Qorti tirreferi ghal **Marlene Persiano** (a fol.117) li xehdet ukoll li dejjem kien hu li hallas ghal kollox. Xi drabi hallas permezz ta' cekk u dawn kienu kollha f'ismu. Dan gie kkonfermat mix-xhud l-iehor **Avertano Callus** li afferma li kien ircieva s-somma ta' Lm12,000 bhala parti mill-prezz tal-bejgh minn ghand l-attur Joseph Pisani. Dan minbarra Lm200 imghaxijiet li kien hallas hu wkoll. Zewg hutu bniet kienu wkoll ircevew is-somma ta' Lm6,000 bejniethom minghand l-attur.

“In**-Nutar Francis Micallef** xehed li l-attur diversi drabi kien ghamel pagamenti ghall-konjugi Mamo anke permezz ta' pagamenti b'surroga. Saru wkoll diversi noti ta' privileggi. (**Dok PJ15** a fol. 85 hu ezempju ta' pagament b'surroga li sar fis-27 ta' Awwissu 1999*).*

“A fol. 96 tal-process jinsab esebit Att iehor datat is-16 ta’ Novembru 2001 fejn ghal darb’ohra l-attur hallas *de proprio* b’surroga tad-drittijiet is-somma ta’ Lm2,600.

“Spjega ukoll li l-attur dejjem hallas b’surroga ta’ drittijiet id-dejn li kellhom mal-Bank David u Donatella Mamo.

“Dwar l-ammont ta' Lm200 imhallas ghax-xiri tad-*directum dominium,* Marlene Persiano kkorroborat ix-xhieda tal-attur li hallas dawn l-ammonti hu stess meta qalet li d-direttarja saqsietu quddiemha jekk kienx "*ser ihallashomlhom hu".*

“Il-konvenut qal li hu u martu kienu appena bieghu proprjeta` ghall-prezz ta' Lm18,000 (**DOK DM4** datat is-26 ta' Awwissu 1998). Ghalkemm hu minnu li r-rikavat minn dan il-bejgh kien ta' Lm18,000, u li dan hu l-istess ammont indikat bhala l-prezz ta' xiri tal-fond f'Censu Borg Street, il-prezz ta' xiri ta' dan l-ahhar fond ma thallasx kollu fuq il-kuntratt. Lm5,000 biss thallas *piu'* Lm200 ghall-fidi tac-cens.

“Dwar ir-rikavat tal-bejgh tal-ewwel proprjeta` taghhom, il-konvenut jghid biss li hadithom martu u "*ma nafx x'ghamlet bihom."* Wiehed jippretendi li kien ikun iktar akkurat f'dak li gara minn ammont daqshekk sostanzjali. Il-provi dokumentarji esebiti bhala **DOK PGA** a fol 274 li l-ghada tal-kuntratt ta' bejgh sar depozitu fil-kont tal-kumpanija fl-ammont ta' Lm26,000 u sussegwengtement fit-28 ta Awwissu 1998 gew sbankati Lm15,129.

“Il-konvenut kien xehed ukoll li kien sar depozitu ta' Lm5,000 fuq il-konvenju ta' bejgh tal-proprjeta` taghhom u a fol 271 (**DOK PGA**) jidher li hemm depozitu f'dan l-ammont.

“Madanakollu l-istess konvenut jammetti fin-nota ta' sottomissjonijiet dettaljata tieghu li "*ma giex spjegat fejn marru dawn il-flus"* b'riferenza ghall-ammont zbankat mill-kont tal-kumpanija fit-28 ta' Awwissu 1998.

“Din il-Qorti hija konxja ferm tar-raggiri u manuvri li gieli jigu ezercitati bejn il-konjugi proprju meta l-inkwiet bejniethom jibda jberraq sew u tista' tifhem il-perplessita' tal-konvenut meta gie rinfaccjat b'zbank ta' tali portata. Hu u martu infirdu fattwalment f'Jannar 1999 u dawn il-flejjes gew zbankati f'Awwissu 1998, biss ftit xhur qabel meta forsi kien beda s-'*suspect period'*. Izda kull prova dwar min zbanka, u dwar ir-regolarita' jew skop tal-izbank, u dwar x'seta' sar mill-flus ghandha ssir fil-kawza ta' separazzjoni ghaliex quddiem din il-Qorti, ma tressqux provi bizzejjed li juru li dawn l-ammonti ntuzaw ghax-xiri tal-fond fi Triq Censu Borg. Jispetta lil min zbankahom biex jaghti rendikont lill-konjugi f'kawza ta' separazzjoni fejn jigu likwidati l-krediti reciproci tal-mizzewgin.

“Huwa minnu li terzi jistghu jaghmlu pagamenti ghan-nom tad-debitur u f'tali kaz hafna drabi jkun difficli jekk mhux impossibbli ghal min

jeffettwa l-pagament biex jipprova li hareg il-flus minn butu. Il-kaz odjern hu differenti in kwantu li l-attur gab prova li hallas hu d-depozitu ta' Lm5,000 kif ukoll esebixxa att ta' hlas u surroga fis-somma ta' Lm4,400 lill-vendituri (**DOK PJ15**) fejn hemm mitkub "*Il-komparenti Joseph u Jane konjugi Pisani qeghdin ihallsu de proprio lill-(vendituri)....Lm4,400 akkont tal-bilanc tal-prezz tal- fond...*"[18]. Fid-dawl ta' dawn il-provi, l-*onere* waqa' fuq il-konvenut li jipprova li l-pagamenti saru mill-flus tal-komunjoni - liema prova ma ghamlux.

"Mal-att ta' surroga imsemmi, l-attur esebixxa ricevuta ta' Lm2,000 rilaxxjata minn Marlene Pisani (**DOK PJ16**).

"**Esebixxa wkoll DOK PJ 17**. Riferibbilment ghall-kreditu ta' Lm14,795 (DOK PJ17) (fol 88) il-konvenut qal li d-dokument D anness mieghu juri biss Lm5,612 u ma hemmx spjegazzjoni dwar il-bilanc ta' Lm9,183. Dan id-dokument u Att Notarili fejn gew tranzuntati tliet dokumenti A, B u C li jirrigwardaw spejjez li allegatament intefqu mill-konjugi Pisani fil-proprjeta` tal-konvenuti. Dawn l-ispejjez jammontaw komplessivament ghal Lm14,795 u cioe`, jeccedu s-somma pretiza ta' Lm13,000.

"Dwar dawn id-dokumenti, huma skritti *a mano* u jelenkaw diversi spejjez konnessi ma' xoghol u *mano d'opera*, hlas ta' imghax lil "Callus", fidi ta' cens (Lm200) u *capital gains tax (15/9/98).*

"Rigward l-ammont ta' Lm13,000 l-attur qal li hallas din is-somma ghall-kostruzzjoni. Il-konvenut jikkoncedi li l-fond f'Censu Borg Street inxtara biex jigi zviluppat izda jinnota li l-uniku prova li saret kien li l-attur kien jghaddi l-flus u mhux li kien ihallashom minn butu (nota a fol.391 para 19).

"Il-Qorti ma taqbilx mal-argument li l-attur ghandu jipprova minn fejn gab il-flus. Ma hemmx xi allegazzjoni li l-attur kien sprovvist minn finanzi *de proprio*. Galadarba hu anke koncess mill-konvenut li l-pagamenti nhargu mill-attur, jispetta lill-konvenut li jgib prova sal-grad rikjest mil-Ligi li l-pagamenti saru minn flus il-konvenuti. Il-Qorti ma tistax teskludi l-ipotesi li l-izbank seta sar minn Donatella Mamo, u li dawn kienu qed jintefqu fuq il-fond. Izda Donatella Mamo lanqas giet prodotta biex tixhed *viva voce* u lanqas jirrizulta min, effetivament zbanka l-flus mill-Bank. *Del resto*, **Saviour Desira,** l-accountant tal-kumpanija D & D Mamo Limited xehed li "*f'dak iz-zmien il-konvenuti kienu bieghu d-dar matrimonjali taghhom fi Triq il-Parilja Santa Venera biex mir-rikavat ikunu jistghu jaqtghu d-djun tal- Kumpanija."* Mhux il-kompitu ta' din il-Qorti li taghmel indagni approfondita fis-sitwazzjoni finanzjarja tal-kumpanija izda taqbel mal-konvenut li ghandu jesigi rendikont dettaljat minn martu u anke mill-awditur u *accountant* tal-kumpanija tal-operat tan-negozju.

[18] Fol. 85

“Fid-dawl tal-premess ser tilqa' t-talbiet attrici ghas-somma ta' Lm5,000 li thallset fuq il-kuntratt, Lm13,000 spejjez, u Lm4,400 li thallset b'surroga. Dan ta’ l-ahhar jirrizulta mid-dokument esebit a fol. 85 kif korroborat mix-xhieda tan-Nutar Micallef u tal-vendituri Callus li kollha affermaw li l-hlasijiet akkont tal-prezz ta' bejgh tal-appartament kienu jsiru minn Joseph Pisani - b'kollox Lm22,500 - €52,410.90.

“**<u>Vettura</u>**

“Fir-rigward tal-ammont ta’ **Lm5**,**500** ghax-xiri tal-vettura Hyundai DAV – 695, l-attur jghid li ghadda Lm3,000 fi flus kontanti lil bintu izda ma tezistix prova attendibbli jekk dan il-pagament realment sarx. F'dan il-kaz l-attur kien vag dwar il-provenjenza tal-ammont peress li xehed li ma kellux 'record' minn fejn gab din is-somma.

“*Inoltre* l-Qorti tqis li x-xhieda tal-attur ma kenitx konsistenti specjalment meta gie rinfaccjat bil-fatt li l-konvenuti kienu hallsu Lm2,400 ghax-xiri tal-vettura. Ix-xhieda tieghu hi kkontestata minn missier il-konvenut li xehed li kien hallas *de proprio circa* Lm836 f'kambjalijiet fuq il-vettura. Il-konvenut, da parti tieghu, ipprezenta f'*cheque images* sostnuti minn *statements* bankarji li jippruvaw li saru pagamenti mill-kumpanija D & D Mamo Ltd. Dan kollu jikkontradixxi t-tezi tal-attur li hallas il-prezz kollu ghajr ghal "erba' kambjalijiet."

“Rinfaccjata b'tali konfliggenza mill-provi, il-Qorti tqis li l-attur ma rnexxielux jipprova sal-grad rikjest mil-Ligi li ghamel il-versamenti reklamati fuq il-vettura. *Inoltre* b'referenza ghall-kambjali esebiti a fol. 129 sa fol. 132 tal- process, jidhru biss l-ismijiet tal-konvenuti David Mamo u Donatella Mamo u ghalhekk ma tezistix l-icken prova li dan il-hlas sar mill-attur Joseph Pisani.

“**<u>Xiri ta' Stock</u>**

“L-attur qed jitlob ukoll ir-rifuzjoni tal-ammont ta' Lm6,000 li jghid li hallas biex gab zewg *containers* merkanzija ghan-negozju gestit mill-konvenuti.

“Il-Qorti ser taghmel is-segwenti osservazzjonijiet f'dan ir-rigward.

“L-ewwel nett jidher li n-negozju in kwistjoni kien gestit minn kumpanija, *D & D Mamo Limited* u mhux mill-konvenuti fil-kwalita' personali taghhom. Ghaldaqstant jekk l-attur verament avvanza xi flus, dan ghamlu favur il-kumpanija u mhux favur il-konvenuti personalment. Il-Qorti ghaldaqstant tikkondividi t-tezi tal-konvenut imressqa minnu minghajr pregudizzju.

“Fit-tieni lok David Mamo lanqas hu azzjonist izjed f'din il-kumpanija wara li ttrasferixxa (volontarjament jew altrimenti inkonsapevolment) l-ishma tieghu u sahansitra tnehha mill-kariga li kellu bhala Direttur. *Multo magis* m'ghandux iwiegeb ghal dan il-kreditu pretiz specjalment

konsiderando li l-merkanzija baqghet fil-pussess tal-kumpanija li kienet gestita minn martu u fejn l-attur ukoll intrometta ruhu wara li l-konvenuti nfirdu.

“Fit-tielet lok, it-talba attrici ma treggix in kwantu jirrizulta mill-provi prodotti, u minn dokumenti bankarji li l-kumpanija tal-konvenuti kienet hallset ghax-xoghol migjub fis-sena 1998. (Ara **DOK DM5** u **DM6** a fol. 179 u 180). *Inoltre* ghalkemm l-attur gab prova ta' hlas fuq *container* minnhom, il-Qorti fehmet li kien igib *containers* ta' merkanzija ta' spiss (kwazi kull xahar) peress li kien fin-negozju wkoll, u ma hemm l-ebda prova li dan il-hlas partikolari kien sar ghall-merkanzija diretta ghan-negozju tal-konvenuti. L-attur kompla jsahhah id-dubji riskontrati mill-Qorti, qal li x-xoghol tal-konvenuti kien jidhol f'*groupage container*. *Inoltre* ma kienx konsistenti ghaliex l-ewwel qal li x-xoghol kollu thatt fin-negozju tal-konvenuti, imbaghad biddel il-verzjoni u ammetta li gab ix-xoghol fl-istabbiliment tieghu. B'zieda ma' dan jirrizulta li parti mill-kontenut tal-*container* minnhom huwa ta' generu differenti minn dak li kienu jinnegozjaw fih il-konvenuti. Ghalhekk il-Qorti tqis li l-verzjoni tal-attur mhijiex attendibbli u mhix ser takkolji din id-domanda.

“Fid-dawl tal-provi prodotti, il-Qorti hi tal-fehma li l-attur ma irnexxielux jipprova l-krediti kollha minnu pretizi sal-grad rikjest mil-Ligi. Jezisti konflitt bejn iz-zewg verzjonijiet, u filwaqt li t-tezi tal-atturi hija aktar attendibbli fir-rigward tal-pagamenti konnessi mal-akkwist tal-immobbli, kif anke kkorroborat mix-xhieda u dokumenti prodotti, l-istess ma jistax jinghad fir-rigward tal-krediti l-ohra vantati ghar-ragunijiet fuq spjegati.

“**Ammissjoni ta' Donatella Mamo**

“Donatella Mamo ammettiet it-talbiet attrici in kwantu li dawn jolqtu sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnha u bejn David Mamo. Hi ma xehditx f'dawn il-proceduri izda galadarba ammettiet minghajr l-ebda kwalifika u riserva, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra ghajr li takkolji t-talbiet <u>kollha</u> fil-konfront taghha.

“In kwantu li s-sehem spettanti lill-konvenuta hu ta' nofs (1/2) l-attiv u l-passiv tal-komunjoni, il-Qorti ser tillikwida dak minnha dovut f'nofs (1/2) l-ammont pretiz mill-atturi u cioe` fis-somma ta' tlettax-il elf, tliet mija u tlieta u disghin ewro (€13,390) li jirrapprezenta nofs (1/2) l-ammont ta' Lm11,500 mitlub ghax-xiri tal-vettura Hyundai u ta' *stock* tan-negozju. Din is-somma hija dovuta minn Donatella Mamo wahidha u mhux bhala dejn tal-komunjoni ga ezistenti bejnha u bejn David Mamo.

“**III. <u>KONKLUZJONI.</u>**

“Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi fil-waqt li **tilqa'** l-eccezzjonijiet tal-konvenut David Mamo in kwantu li huma kompatibbli ma' din is-sentenza, u fid-dawl tal-**ammissjoni** ta' Donatella Mamo, tipprovdi dwar it-talbiet attrici billi :-

"1. **Tilqa' l-ewwel talba in parte billi** tikkundanna lill-konvenuti David u Donatella Mamo li jirrifondu lill-atturi s-somma ta' tnejn u hamsin elf, erba' mija u ghaxar ewro u disghin centezmu (€52,410.90) *oltre* l-imghax legali mid-data ta' din is-sentenza, in konsiderazzjoni mal-infieq konness max-xiri, twaqqiegh u bini tal-fond 7 Censu Borg Street, Hamrun, filwaqt li **tikkundanna lill-konvenuta Donatella Mamo wahidha** sabiex thallas minn sehema mill-assi tal-komunjoni tal-akkwisti ga ezistenti bejnha u bejn David Mamo s-somma ta' tlettax-il elf, tliet mija u tlieta u disghin ewro (€13,393) (ga Lm5,750) li jirrapprezenta nofs (1/2) l-ammont ta' Lm11,500 li hu l-import mitlub mill-atturi ghax-xiri tal-vettura Hyundai DAV-695 kif ukoll ghax- xiri ta' *stock* ghall-hanut gestit f' 221, High Street, Hamrun u dan ukoll bl-imghax legali mid-data tas-sentenza.

"L-ispejjez jithallsu kwantu ghall-kwart (1/4) mill-attur, nofs (1/2) minn Donatella Mamo u kwart (1/4) minn David Mamo."

**RIKORS TAL-APPELL atturi appellanti (18.03.2014):**

3. L-atturi ħassew ruħhom aggravati bis-sentenza tal-ewwel Qorti u għalhekk interponew dan l-appell minnha. L-aggravji tagħhom huma s-segwenti:

(i) Fl-ewwel lok isostnu li s-somma ta' Lm13,000 tirrappreżenta l-bilanċ dovut għax-xiri tal-fond 7, Censu Borg Street, Ħamrun, u mhux parti mill-Lm14,795 stipulata fl-iskrizzjoni tal-privileġġ tal-11 ta' Diċembru 2000, kif ġie kkunsidrat mill-ewwel Qorti. Jargumentaw illi għalkemm l-ewwel Qorti kienet korretta meta ddeċidiet li huma kienu kredituri tal-konvenuti appellati għas-somma ta' Lm13,000 (bħala parti minn somma akbar), tali somma ma tirrappreżentax ħlas għat-twaqqigħ u l-kostruzzjoni tal-fond, liema somma għadha dovuta u hija kkawtelata permezz ta'

privileġġ, iżda hija dovuta għall-bilanċ imħallas minnhom lill-vendituri tal-fond.

(ii) Fit-tieni lok jilmentaw bil-fatt li l-ewwel Qorti irriteniet li ma rnexxilhomx jippruvaw li għamlu ħlasijiet għall-karozza Hyundai DAV-695. Jargumentaw illi ladarba l-kambjali kienu fil-pussess tagħhom, mela dawn ġew fil-pussess tagħhom għaliex effettivament għamlu l-ħlas lill-UCIM Ltd, bl-istess mod illi meta kien missier il-konvenut David Mamo li ħallas xi kambjalijiet, dawn ġew fil-pussess tiegħu.

(iii) Fit-tielet lok jilmentaw bil-fatt li l-ewwel Qorti irriteniet li l-ammont dovut għall-merkanzija imħallsa u importata minnhom għan-nom tal-konvenuti ma ġietx suffiċjentement ippruvata. Huma invece jsostnu li ħareġ ċar mid-dokumenti annessi mal-affidavit tal-attur illi kien qed jimporta oġġetti għan-negozju tal-konvenuti (cioe` għall-ħanut li jbiegħ oġġetti tat-trabi) u li tali oġġetti bl-ebda mod ma kellhom x'jaqsmu man-negozju tal-atturi. Inoltre jħossuhom aggravati wkoll bil-fatt li l-ewwel Qorti irriteniet li tali self sar lis-soċjeta` D&D Mamo Ltd u mhux lill-konvenuti f'isimhom. Jispjegaw pero` illi huma kienu sellfu l-flus lil binthom u lil żewġha personalment biex dawn ikunu jistgħu itejbu n-negozju tagħhom. Ifakkru li l-għejxien ta' binthom u żewġha kien jiddependi fuq il-

ħanut tagħhom, u li għalhekk flok tawhom flus f'idejhom, għenuhom billi ħallsulhom għall-merkanzija u l-importazzjoni tagħha. Jenfasizzaw illi fl-aħħar mill-aħħar kienu qed jgħinu lill-konvenuti personalment u mhux lill-kumpanija.

(iv) Fir-raba' lok jilmentaw bil-fatt li l-ewwel Qorti ddeċidiet illi l-imgħax legali għandu jibda' jiddekorri mid-data tas-sentenza. Jargumentaw illi ladarba l-kawża kienet tirrigwarda somma likwidata u dovuta, iż-żmien li fih il-konvenuti naqsu milli jħallsu dak minnhom dovut m'għandhomx jaħdem kontrihom (l-atturi), u għandhom jiġu kkumpensati għal tali trapass ta' żmien bl-imgħaxijiet imposti bil-liġi.

**<u>RISPOSTA TAL-APPELL tal-konvenut David Mamo (22.04.2014):</u>**

4. Il-konvenut wieġeb biex jgħid li s-sentenza hija ġusta u timmerita konferma. Għall-aggravji tal-appellanti huwa wieġeb hekk:

(i) Fir-rigward ta' x'kienet tirrappreżenta s-somma ta' Lm13,000, ifakkar li fir-rikors ġuramentat tagħhom stess l-atturi ddikjaraw li tali somma ġiet żborsata minnhom "*għat-twaqqigħ u kostruzzjoni mill-ġdid tal-fond imsemmi*".

(ii) Dwar il-ħlasijiet li l-atturi jsostnu li għamlu fir-rigward tal-vettura Hyundai DAV-695 isostni li l-ewwel Qorti kienet korretta meta irriteniet li "*ma teżistix l-iċken prova li l-ħlas sar mill-attur Joseph Pisani".*[19]

(iii) Dwar l-istokk jargumenta illi l-uniku skop għaliex ġiet iffurmata s-soċjeta` D&D Mamo Ltd kien għall-ġestjoni tan-negozju tal-ħanut Donatella Baby Centre u għalhekk l-importazzjoni tal-oġġetti mill-atturi saret a benefiċċju tas-soċjeta` u mhux tagħhom. Ifakkar li appena faqqgħet is-separazzjoni bejnu bejn il-konvenuta binthom, l-atturi ħadu f'isimhom l-ishma tiegħu u bil-kompliċita` tal-konvenuta anke neħħewh minn direttur, biex b'hekk ħadu l-kontroll assolut tal-kumpanija ma' binthom.

(iv) Dwar l-imgħax isostni li kienet korretta l-ewwel Qorti meta ddikjarat li dan kellu jiddekorri mid-data tas-sentenza. Jaċċenna għall-fatt li:

(a) s-somma likwidata mill-ewwel Qorti hija kważi €30,000 anqas minn dik mitluba;

[19] *(Jiġi ppreċiżat li dan il-qorti qalitu fir-rigward tal-erba' kambjali* *__Dok PJ18 sa Dok PJ21__* *– fl-ammont kumplessiv ta' Lm440)*

(b) s-somma likwidata mhix debitu ta' natura kummerċjali;

(c) d-debitu kien inċert u illikwidu, u s-somma ġiet likwidata bis-sentenza u għalhekk l-imgħax għandu jiddekorri mill-ġurnata tal-likwidazzjoni tagħha;

(d) t-talba kienet immirata biex il-komunjoni tal-akkwisti bejnu u bejn il-konvenuta tiġi żvalutata b'mod li ma jipperċepixxi xejn, u allura tkun inġustizzja manifesta li hu jiġi kkundannat iħallas lill-ġenituri ta' martu imgħax fuq somma esaġerata.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI:</u>**

5. L-atturi talbu li jiġi "rifuż" lilhom l-ammont kumplessiv ta' Lm34,900 allegatament misluf minnhom lill-konvenuti (li jiġu binthom u żewġha, illum separati *de jure* minn xulxin[20] u fiż-żmien li ġiet intavolata l-kawża, separati *de facto*). Skont ma jirriżulta mir-rikors ġuramentat tagħhom dan l-ammont ta' Lm34,900 sellfuh lill-konvenuti b'dan il-mod:

Lm6,000________in konnessjoni mal-akkwist tal-fond fil-Ħamrun
Lm13,000_______spejjeż għat-twaqqiħ u kostruzzjoni mill-ġdid

[20] Sentenza ta' separazzjoni 459/00NC "**<u>David Mamo vs Donatella Mamo</u>**" deċiża mill-Qorti Ċivili, Sezzjoni Familja, fl-1 ta' Frar 2016

tal-fond
Lm4,400________tħallsu lill-vendituri tal-fond b'surroga
Lm5,500________għax-xiri tal-vettura Hyundai DAV-695
Lm6,000________għax-xiri ta' stock għall-ġestjoni tal-ħanut

L-ewwel aggravju – *dwar x'jirrappreżentaw l-Lm13,000*

6. Is-somma pretiża mill-atturi fir-rigward tal-proprjeta` immobbli hija ta' Lm23,400 (Lm6,000 + Lm13,000 + Lm4,400).

7. Skont ma jirriżulta mill-kuntratt tal-akkwist tal-15 ta' Settembru 1998 fl-atti tan-Nutar Dr Francis Micallef, il-prezz tal-fond kien Lm18,000, li minnu l-vendituri irċevew Lm5,000 u ġie miftiehem li l-bilanċ ta' Lm13,000 kellu jitħallas fi żmien sentejn u nofs (2½) mingħajr imgħax f'pagamenti ta' mhux inqas minn Lm400 fix-xahar.

8. L-ewwel Qorti irriżultalha pruvat li in konnessjoni mal-imsemmi fond l-atturi effettivament ħallsu lill-vendituri Lm5,000 fuq il-kuntratt, ħallsu Lm13,000 in linea ta' spejjeż għal xogħlijiet li saru fil-fond, u ħallsu Lm4,400 lill-vendituri b'surroga. B'kollox għalhekk irriżultalha li ħallsu Lm22,400 li huma ekwivalenti għal **€52,410.90**[21].

9. L-ilment tal-atturi appellanti f'dan ir-rigward huwa limitatament

[21] Erronjament l-ewwel Qorti qalet li b'kollox jiġu Lm22,500 iżda dan jidher li huwa *lapsus calami* għaliex l-istess qorti qalet li l-ekwivalenti f' ewro jigi €52,410.90 li fil-fatt huwa l-ekwivalenti ta' Lm22,400 mhux Lm22,500

għas-somma ta' Lm13,000 in kwantu jsostnu li din is-somma ta' Lm13,000 tirrappreżenta l-bilanċ tal-prezz tal-fond u mhux l-ispejjeż ipotekati permezz tal-att tal-11 ta' Diċembru 2000 (Dok PJ17[22]). L-ewwel qorti qieset li d-dokumenti skritti *a mano* annessi mal-att tal-konservazzjoni tal-privileġġ Dok PJ17 jelenkaw diversi spejjeż fl-ammont kumplessiv ta' Lm14,795 konnessi ma' xogħol u mano d'opera, u wkoll fidi ta' ċens (Lm200), imgħax lil "Callus" (Lm200) u *capital gains tax* (Lm889). Qieset li l-ammont ta' Lm13,000 pretiż mill-atturi in linea ta' spejjeż huwa kompriż f'dan l-ammont ta' Lm14,795.

10. Din il-Qorti ma tara l-ebda raġuni għaliex għandha tiddipartixxi minn din il-pożizzjoni. L-atturi isostnu li s-somma ta' Lm13,000 ma kinitx tikkonċerna ħlas għall-kostruzzjoni tal-fond, li għadha dovuta, u li hija kkawtelata permezz tal-privileġġ, iżda tirrappreżenta l-bilanċ li kellu jitħallas akkont tal-prezz tal-fond, u li huma ħallsu; iżda l-istess atturi fir-rikors ġuramentat tagħhom talbu s-somma ta' Lm13,000 in linea ta' spejjeż għat-twaqqigħ u l-kostruzzjoni mill-ġdid tal-fond. In oltre kieku għall-grazzja tal-argument kellu jitqies li s-somma ta' Lm13,000 pretiża mill-atturi tirrappreżenta l-bilanċ tal-prezz, jiġi li l-ammont kollu ta' Lm23,400 pretiż minnhom fir-rigward tal-akkwist tal-fond jirrappreżenta l-prezz – meta l-prezz effettivament kien ta' Lm18,000!

[22] **Dok PJ17** (fol 88) huwa konservazzjoni ta' privileġġ li permezz tiegħu l-atturi ikkonservaw favur tagħhom il-privileġġ spettanti lilhom kontra l-konvenuti "*għal xogħlijiet u mano d' opera*" esegwiti mill-atturi fil-fond 7, Triq Censu Borg, Ħamrun ammontanti għal **Lm14,795**

<u>It-tieni aggravju</u> – *il-ħlas o meno ta' Lm5,500 fir-rigward tal-vettura*

11. L-atturi talbu li tiġi "rifuża" lilhom is-somma ta' Lm5,500 li huma allegatament ħallsu fir-rigward tal-vettura DAV-695. Filwaqt li l-konvenut jikkontesta li l-atturi għamlu tali ħlas, il-konvenuta binthom ammettiet li sar tali ħlas.

12. L-ewwel Qorti irriżultalha li l-attur ma rnexxilux jissostanzja t-teżi tiegħu li huwa kien ħallas il-prezz tal-vettura għajr għal "*erba' kambjalijiet*". Ikkonsidrat li għalkemm l-attur xehed li għadda Lm3,000 lil bintu fi flus kontanti ma teżistix prova attendibbli jekk dan il-pagament effettivament sarx. Ikkonsidrat ukoll li x-xiehda tal-attur ma kinitx attendibbli meta ġie rinfaċċjat bil-fatt li l-konvenuti kienu ħallsu Lm2,400 għax-xiri tal-vettura; u li in oltre missier il-konvenut xehed li huwa ħallas Lm836 u l-konvenut ippreżenta *cheque images* sostnuti minn statements bankarji li jippruvaw li kienu saru pagamenti mill-kumpanija D&D Mamo Ltd. Qieset ukoll li għalkemm l-atturi esebew erba' kambjali fl-ammont ta' Lm110 il-wieħed (Dok PJ18 sa PJ21) fuq tali kambjali jidher biss isem il-konvenuti "*u għalhekk ma teżistix l-iċken prova li dan il-ħlas sar mill-attur Joseph Pisani".*

13. Għalkemm l-ewwel Qorti ma kinitx sodisfatta li l-atturi ħallsu s-somma ta' Lm5,500 fir-rigward tal-vettura, hija in vista tal-ammissjoni

tal-konvenuta ordnat lill-konvenuta tħallas nofs l-ammont ta' Lm5,500.

14. L-atturi ħassew ruħhom aggravati bil-fatt li l-ewwel Qorti ma qisitx li ladarba l-kambjali kienu fil-pussess tagħhom mela dan kien għaliex il-ħlas kienu għamluh huma, hekk kif missier il-konvenut kien fil-pussess tal-kambjali rigwardanti ħlas li sar minnu. Għalhekk jidher li dan l-aggravju huwa limitat għall-ammont tal-kambjali esebiti minnhom.

15. L-atturi fil-fatt ippreżentaw diversi kambjali, li jidhru li ġew iffirmati mill-konvenuti fil-31 ta' Mejju 1995: mhux biss dawk l-erba' kambjali li għamlet riferenza għalihom l-ewwel Qorti (cioe` il-kambjali oriġinali bin-numru 41 sa 44 , Dok PJ18-PJ21, fol 129-132, li ġew esebiti fit-3 ta' Ġunju 2003) iżda wkoll kopji ta' 19-il kambjala oħra (cioe` il-kambjali bin-numru 14 sa 32, Dok B, fol 24-42 li kienu ġew esebiti qabel, fis-17 ta' Jannar 2001). Għall-aħjar intendiment din il-Qorti sejra telenkahom kollha:

| Numru ta' kambjala | Ammont | Data meta dovut l-ammont | Timbru tad-data meta tħallset |
|---|---|---|---|
| 14 | Lm110 | 01.08.1996 | 09.10.1996 |
| 15 | Lm110 | 01.09.1996 | 09.10.1996 |
| 16 | Lm110 | 01.10.1996 | 07.11.1996 |
| 17 | Lm110 | 01.11.1996 | 27.01.1997 |
| 18 | Lm110 | 01.12.1996 | 27.01.1997 |
| 19 | Lm110 | 01.01.1997 | 27.01.1997 |
| 20 | Lm110 | 01.02.1997 | 18.03.1997 |
| 21 | Lm110 | 01.03.1997 | 18.03.1997 |
| 22 | Lm110 | 01.04.1997 | 20.06.1997 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 23 | Lm110 | 01.05.1997 | 20.06.1997 |
| 24 | Lm110 | 01.06.1997 | 20.06.1997 |
| 25 | Lm110 | 01.07.1997 | 20.10.1997 |
| 26 | Lm110 | 01.08.1997 | 20.10.1997 |
| 27 | Lm110 | 01.09.1997 | 01.12.1997 |
| 28 | Lm110 | 01.10.1997 | 01.12.1997 |
| 29 | Lm110 | 01.11.1997 | (mhux leġibbli) |
| 30 | Lm110 | 01.12.1997 | 01.04.1998 |
| 31 | Lm110 | 01.01.1998 | 01.04.1998 |
| 32 | Lm110 | 01.02.1998 | 18.05.1998 |
| - | - | - | - |
| 41 | Lm110 | 01.11.1998 | 15.03.1999 |
| 42 | Lm110 | 01.12.1998 | 15.03.1999 |
| 43 | Lm110 | 01.01.1999 | 15.03.1999 |
| 44 | Lm110 | 01.02.1999 | 15.03.1999 |

16. L-ammont kumplessiv tal-kambjali esebiti mill-atturi (19 kopji, u 4 oriġinali) huwa ta' **Lm2,530** (Lm2090 + Lm440).

17. Jirriżulta li meta nxtrat il-vettura Hyundai mill-konvenuti f'Mejju 1995 tħallas depożitu ta' Lm2,400[23] u ġew iffirmati 48 kambjala fl-ammont kumplessiv ta' Lm5,333 (47 fl-ammont ta' Lm110 il-waħda, u l-aħħar waħda fl-ammont ta' Lm163).

18. L-attur Joseph Pisani fl-affidavit tiegħu xehed illi għall-ħabta tal-1996 bintu kienet qaltlu li n-negozju tagħha u ta' żewġha kien batut u li allura riedu jbiegħu l-vettura li kienu għadhom qed iħallsu bin-nifs. Qal li

[23] Vide Dok JBX, fol 339, Cheque fl-ammont ta' Lm2,400 datat 31 ta' Mejju 1995 maħruġ mis-soċjeta` D&D Mamo Ltd (is-soċjeta` tal-konvenuti) fuq isem il-konvenut; u vide fol 237, statement bankarju tas-soċjeta` D&D Mamo Ltd fejn jidher li fit-2 ta' Ġunju 1995 ġie żbankat l-ammont ta' Lm2,400. Missier il-konvenut ikkonferma sar tali depożitu fuq il-vettura da parti ta' ibnu (l-ammont li jsemmi huwa pero` ta' Lm2,500) għalkemm sostna li tali flus ġew f'idejn ibnu mis-sehem li kellu fil-kumpanija tiegħu MGS Ltd.

d-*dealer* kien offrielhom Lm4,000 għaliha w allura huwa offrielhom Lm6,000 biex joħodha hu. Qal li tahom Lm3,000 fi flus kontanti u imbagħad ħallas il-kambjali hu:

> *"Għalhekk tajthom Lm3,000 cash u tawni l-karozza. L-installments li kien fadal bqajt inħallas lil UCIM jiena stess, permezz ta' kambjali sakemm id-debitu ġie saldat. Inżid ngħid li l-aħħar ftit kambjali tħallsu minn David Mamo. Dawn l-aħħar ħlasijiet tħallsu meta David u t-tifla kien diġa' sseparaw de facto.*
>
> *"Qabel ma David għamel l-aħħar ftit pagamenti, u David u t-tifla kienu għadhom flimkien, talbitni l-karozza lura u qaltli li ser iħallsuni Lm3,000 plus dak l-ammont li kont diġa` ħallast jiena permezz tal-kambjali – iżda għalkemm tajthom il-karozza lura bqajt ma rċevejt l-ebda ħlas. Kien f'dan iż-żmien wara li ħadu l-vettura lura li David għalaq il-kont mal-UCIM. Effettivament mill-but jiena ħriġt **Lm5,090** għall-karozza."*

19. Fix-xiehda tiegħu tat-3 ta' Ġunju 2003 ippreżenta erba' kambjali oriġinali (numri 41-44, fuq imsemmija, fl-ammont kumplessiv ta' Lm440) u kkonferma li dawn kien ħallashom hu. Spjega li kien mar mal-konvenut fil-post fejn kellhom jitħallsu, għaddielu l-flus kontanti, u huwa daħal iħallashom. Enfasizza li dawn l-erba' kambjali tħallsu "*f'salt wieħed fil-15 ta' Marzu 1999*", fil-fatt jidher timbru li jġib tali data fuqhom.

20. Missier il-konvenut, Carmelo Mamo, xehed li ħallas b'kollox Lm836 fir-rigward tal-vettura permezz ta' diversi pagamenti bejn Marzu u Ġunju 1999. Huwa ppreżenta kopji taċ-*cheque images* u r-riċevuti relattivi[24]. Dan l-ammont li ħallas jidher li jkopri sitt kambjali ta' Lm110 (Lm660) u l-aħħar waħda ta' Lm163 u xi ħaġa żgħira tal-imgħax. Qal li wara li għamel tali pagamenti l-karozza ġiet kollha mħallsa. Għalkemm

[24] Ippreċiża li għalkemm l-aħħar ċekk huwa indikat li sar f'Mejju 1999, fil-fatt sar f'Ġunju 1999.

jidher li effettivament ħallas seba' kambjali kellu biss l-aħħar erbgħa fil-pussess tiegħu, (numri 45 sa 48, fol 194, 199, 205, 204), liema kambjali, oriġinali, ġew esebiti fl-atti:

| | | | |
|---|---|---|---|
| 45 | Lm110 | 01.03.1999 | - |
| 46 | Lm110 | 01.04.1999 | - |
| 47 | Lm110 | 01.05.1999 | 04.06.1999 |
| 48 | Lm163 | 01.06.1999 | 04.06.1999 |

21. Wara li l-Qorti eżaminat il-kambjali 41-44 li ġew ippreżentati mill-attur ma tistax ma tosservax li fuqhom hemm timbru li jindika li dawn ġew imħallsa b'ċekk numru 123. Issa fost iċ-*cheque images* li esebixxa missier il-konvenut Carmelo Mamo, hemm ċekk partikolari datat 12 ta' Marzu 1999 preċiżament bin-numru 123! Għalkemm dan huwa fl-ammont ta' Lm340 (cioe` jidher li jkopri tliet kambjali u xi ħaġa żgħira tal-imgħaxijiet, u mhux erba' kambjali) ċertament li jiskredita l-verżjoni tal-attur meta jgħid li l-kambjali 41-44 tħallsu bil-flus kontanti li huwa għadda lill-konvenut fil-15 ta' Marzu 1999!

22. Il-konvenut David Mamo jiċħad li kien sar ftehim mal-attur sabiex hu jixtri l-vettura u jkompli jħallas il-kambjali li hu u martu kellhom ma' UCIM Ltd fuqha. Jiċħad li l-attur tahom Lm3,000 f'kontanti u jiċħad ukoll li l-vettura ħadha f'idejh. Isostni li sakemm hu u martu baqgħu jgħixu flimkien il-pagamenti tal-kambjali dejjem għamluhom huma, u missierha qatt ma tahom flus għalihom. Huwa jaċċenna għall-fatt li meta martu

keċċietu mid-dar il-kambjali ħallihom warajh u li għalhekk kien faċli għall-atturi biex jieħdu l-pussess tagħhom tramite binthom:

> *"…meta jien tkeċċejt mid-dar minn marti, ovvjament il-kambjali tal-karozza kienu d-dar u biex għaddew f'idejn l-attur, bilfors li għaddiethomlu marti bl-iskop li, meta tiġi biex tkun likwidata il-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejnietna fil-kawża ta' separazzjoni li hemm pendenti, jien nispiċċa biex ma nieħu xejn bħala sehmi minħabba l-allegat dejn lejn l-attur."*

23. In vista tal-verżjoni tal-konvenut fejn jiċħad bil-qawwa kollha li l-attur qatt għaddielhom xi flus fir-rigward tal-karozza jew li huma biegħu l-vetttura lill-attur, in vista wkoll tal-verżjoni xejn kredibbli (anzi ferm kontradetta mid-dokumenti) tal-attur dwar kif sar il-ħlas tal-kambjali bin-numru 41-44, u in vista wkoll tal-fatt li l-konvenuta setgħet faċilment għaddiet kambjali li kienu jinsabu fil-pussess tagħha lill-ġenituri tagħha (l-atturi) din il-Qorti ma tistax tikkonkludi li għaliex l-atturi kellhom erba' kambjali oriġinali, u kopji ta' 19-il kambjala oħra fil-pussess tagħhom, allura bil-fors isegwi li l-ammont indikat fuqhom tħallas minnhom.

<u>It-tielet aggravju</u> – *il-ħlas o meno ta' Lm6,000 fir-rigward tal-istokk*

24. L-atturi talbu li tiġi "rifuża" lilhom ukoll is-somma ta' Lm6,000 li huma allegatament ħallsu għax-xiri ta' stokk għan-negozju ġestit mill-konvenuti. Filwaqt li l-konvenut jikkontesta li l-atturi għamlu tali ħlas, il-konvenuta binthom ammettiet li sar tali ħlas.

25. Għalkemm l-ewwel Qorti ċaħdet it-talba tal-atturi fir-rigward tal-

istokk, hija in vista tal-ammissjoni tal-konvenuta ordnat lill-konvenuta tħallas nofs l-ammont ta' Lm6,000.

26. Jiġi spjegat li l-ewwel Qorti ċaħdet it-talba tal-atturi wara li qieset diversi fatturi, fosthom li n-negozju kien ġestit mis-soċjeta` D&D Mamo Ltd mhux mill-konvenuti personalment u allura kwalsiasi flus li avvanza l-attur għamlu favur is-soċjeta`.

27. L-atturi appellanti fir-rigward ta' dan il-fattur jilmentaw illi l-flus li ħarġu għax-xiri tal-istokk ħarġuh għall-konvenuti personalment u mhux għall-kumpanija tagħhom. Jargumentaw illi wieħed irid jikkunsidra li l-għejxien ta' binthom u żewġha kien jiddependi mill-ħanut (ġestit mill-kumpanija D&D Mamo Ltd) u għalhekk ħallsulhom għall-merkanzija u l-importazzjoni sabiex ikunu jistgħu jiġġeneraw introjtu.

28. Għalkemm din il-Qorti tifhem l-argument li jagħmlu l-atturi appellanti, jibqa' l-fatt li l-versamenti saru a benefiċċju tas-soċjeta` D&D Mamo Ltd u għalhekk kwalsiasi pretenzjoni li għandhom l-atturi għar-rifużjoni ta' kwalsiasi versamenti li għamlu kellha tkun diretta lejn tali soċjeta` u mhux lejn il-konvenuti personalment.

Ir-raba' aggravju: *l-imgħaxijiet*

29. Finalment l-atturi appellanti jilmentaw bil-fatt li l-ewwel Qorti ordnat li l-imgħaxijiet jibdew jiddekorru mid-data tas-sentenza. Jargumentaw illi għandhom invece jiddekorru mid-data tal-intimazzjoni ġudizzjarja, ossia d-data taċ-ċitazzjoni.

30. L-imgħax fil-fatt għandu jiddekorri mid-data tan-notifika taċ-ċitazzjoni u mhux mid-data tas-sentenza stante li t-talba kienet għal somma speċifika, mhux *da liquidarsi*, anke jekk tali somma qegħda tiġi ridotta, u dan in linea mal-ġurisprudenza nostrana. Hekk per eżempju fil-kawża fl-ismijiet "***Fogg Insurance Agencies Ltd noe v. Paul Tabone***", il-Qorti tal-Appell Inferjuri fid-deċiżjoni mogħtija minnha fis-17 ta' Frar 2003, insenjat hekk:

> "*Fuq l-aggravju ta' l-interessi u d-dekorriment taghhom il-Qorti tinnota li fil-korp ta' l-avviz l-atturi talbu somma determinata u specifika. Jirrizulta li l-atturi nterpellaw gudizzjarjament lill-konvenut ghall-hlas taghha in sodisfazzjoni tad-danni pretizi. Dan jibbasta biex l-ammont reklamat jibda jattratta l-interessi ("O'Connor – vs- Bruno Olivier" a Vol XVI pI p84). Il-fatt li l-Qorti rreduciet l-ammont ma jfisserx li l-interessi ma jibdewx ukoll jghaddu minn dakinhar tar-rikjam tas-somma, issa ridotta. Il-Qorti hawn ma llikwidat l-ebda ammont li kapaci iggustifika lill-konvenut jappilja mal-massima "in illiquidis non fit mora". Kienet ghalhekk ghal kollox korretta l-ewwel Qorti meta pprovdiet li l-imghaxijiet legali jibdew jghaddu minn Lulju 1999. Ghall-precizazzjoni d-data ghandha tkun it-12 ta' Lulju 1999 (data tan-notifika tal-avviz) u mhux it-2 ta' Lulju 1999 (data tal-introduzzjoni tal-att).*"

**DECIDE**

31. Għal dawn il-motivi din il-Qorti ssib biss fondat ir-raba' aggravju tal-atturi appellanti u għalhekk tilqa' l-appell tal-atturi appellanti

limitatament fir-rigward tal-imgħaxijiet u konsegwentement tħassar is-sentenza appellata fejn ġie ordnat li l-imgħaxijiet għandhom jiddekorru mid-data tas-sentenza u tordna invece li għandhom jiddekorru mit-28 ta' Novembru 2000, cioe` mid-data tan-notifika taċ-ċitazzjoni.

32. L-ispejjeż ta' dan l-appell għandu jitħallas tliet kwarti (¾) mill-atturi appellanti u kwart (¼) mill-konvenut appellat.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr